MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 58/1999/1

**GROUP 4 SECURITAS (MALTA) LIMITED** u Avukat Dottor Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera *Douglas Jackson & Company (Adjustors) Limited* u din għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' assikuratriċi estera *Royal International Insurance Holdings Limited*; u l-istess Avukat Dottor Tonio Azzopardi in rappreżentanza tas-soċjeta' estera *Group 4 Securitas (International) B.V.*

vs

Michael Angelo **PAĊE,** Victor Calleja u Jason Calleja

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-11 ta' Jannar, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi, fil-kwalita' tagħhom fuq imsemmija, talbu li din l-Qorti (i) ssib li l-imħarrkin (u, f'każ li awturi jew kompliċi oħra jissejħu fil-kawża, dawk il-persuni wkoll), jew min minnhom, kienu responsabbli għas-serq ta' flus kontanti u *cheques* mis-*security van* tas-soċjeta' attriċi u għad-dannu tagħha, f'serqa li seħħet f'Albert Town, fil-Marsa, fit-22 ta' Diċembru, 1998; (ii) issib lill-istess imħarrkin responsabbli solidalment bejniethom lejha għall-ħlas tas-somma minnhom misruqa u għad-danni mġarrbin minnha minħabba f'dik is-serqa; u (iii) tikkundannahom iħallsuha s-somma misruqa likwidata flimkien mad-danni kollha konsegwenzjali kif likwidati mill-Qorti. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali minn dak inhar li l-imħarrkin laqgħu n-notifika tal-Mandati Kawtelatorji 54/99 u 55/99;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Victor Calleja fis-27 ta' April, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex billi r-rappreżentanza tal-kumpanniji assikuratriċi tikser il-prinċipju li *delegatus non potest delegare*. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa ma kellu x'jaqsam mas-serqa bl-ebda mod u kemm hu hekk qatt ma ttieħdu passi kriminali kontrih;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Jason Calleja fis-27 ta' April, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex billi r-rappreżentanza tal-kumpanniji assikuratriċi tikser il-prinċipju li *delegatus non potest delegare*. Fil-mertu, laqa' billi qal li huwa ma kellu x'jaqsam mas-serqa bl-ebda mod u kemm hu hekk qatt ma ttieħdu passi kriminali kontrih;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Michael Angelo Paċe fit-12 ta' April, 2000, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa. Żied jgħid li, billi huwa kien għaddej minn proċeduri kriminali marbuta mal-każ, kien qed jirriżerva li jressaq eċċezzjonijiet oħrajn meta dawk il-proċeduri jkunu ntemmu b'mod definittiv;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Mejju, 2002[1], li bih ħalliet il-kawża *sine die*, liema degriet inbidel b'ieħor tal-24 ta' Ġunju, 2002, fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-20 ta' Ġunju, 2002[2];

Rat u semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha mill-partijiet ;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Settembru, 2005[3], li bih ċaħdet talba magħmula mill-imħarrek Paċe b'rikors tiegħu tal-5 ta' Lulju, 2004, biex jitħalla jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2008[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir b'Noti ta' Osservazzjonijiet u tathom żmien għal hekk;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fil-11 ta' Mejju, 2009[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Victor Calleja fit-30 ta' Lulju, 2009[6], bi tweġiba għal dik imressqa mill-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Jason Calleja fit-13 ta' Lulju, 2009[7], u l-oħra mressqa mill-imħarrek Michael Angelo Paċe fit-2 ta' Settembru, 2009[8];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' April, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ, 80 tal-proċess
[2] Paġ. 61 tal-proċess
[3] Paġ. 128A tal-proċess
[4] Paġ. 336 tal-proċess
[5] Paġġ. 338 sa 342 tal-proċess
[6] Paġġ. 345 sa 355 tal-proċess
[7] Paġġ. 356 sa 363 tal-proċess
[8] Paġġ. 364 – 9 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' risarċiment ta' dannu u radd lura ta' flus jew titoli ta' flus meħudin f'serqa. L-atturi huma l-kumpannija li minn vann tagħha nsterqet somma ta' flus u titoli li jissarrfu fi flus, u l-assikuraturi tal-imsemmija kumpannija. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin kienu mdaħħlin f'dik is-serqa u jridu li dawn, jew min minnhom, iroddu lura l-flus misruqa u li wkoll jagħmlu tajjeb għad-dannu mġarrab minħabba dik is-serqa;

Illi l-imħarrkin kollha jiċħdu t-talbiet tal-atturi. Filwaqt li l-imħarrkin Victor u Jason Calleja jisħqu li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-ġrajja, l-imħarrek Paċe jilqa' billi jgħid li hu kien attakkat minn terzi li ma għarafx u ma kienx jaħti għal dak li għadda minn għalih;

Illi l-fatti rilevanti marbutin mal-każ l-imħarrek Paċe kien impjegat mas-soċjeta' attriċi Group 4 Securitas (Malta) Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "G4M") u dak iż-żmien kien għadu fiż-żmien tal-prova. Dak iż-żmien huwa kien tqabbad jagħmel xogħol ta' "*cash in transit*", li jikkonsisti fi ġbir ta' flejjes jew titoli li jissarrfu fi flus mingħand klijenti ta' G4M[9];

Illi l-imħarrek Paċe xehed[10] li, xi erbat ijiem qabel ma seħħet is-serqa, kien ġo garaxx tal-imħarrek Victor Calleja fil-Ħamrun, u hemmhekk u fil-preżenza tiegħu, tal-imħarrkin l-oħrajn u ta' żewġ persuni li kienu l-ħin kollu mgħammda, issemma li l-*hold up* kellu jsir fit-22 ta' Diċembru, 1998, kif fil-fatt ġara;

Illi nhar it-22 ta' Diċembru, 1998, għall-ħabta tal-ħamsa u kwart (17.15) ta' wara nofsinhar, l-imħarrek Paċe kien qed isuq vann reġistrat GAB-513. Miegħu kellu wkoll impjegat ieħor ta' G4M. Waqt li l-vann misjuq mill-imħarrek Paċe kien jinsab wieqaf ħdejn stabiliment kummerċjali f'Albert Town (fil-Marsa) u jitgħabba bi flus u titoli ta' flus ta' klijent ta' G4M, ħabtu għall-vann xi nies mgħammda u ħadu l-

[9] Xhieda tal-imħarrek Michael Paċe 1.7.2004, f'paġ. 121 tal-proċess
[10] *Ibid.* f'paġġ. 122 – 3 tal-proċess

basktijiet b'dawk il-flus u ħarbu mill-post. L-imħarrek baqa' fuq il-post biswit il-vann u ftit tal-ħin wara waslu l-Pulizija, iżda minħabba li l-verżjoni li tahom ma kenitx titwemmen mad-daqqa t'għajn, inżamm taħt arrest[11];

Illi l-għada tas-serqa l-imħarrek Paċe ta tagħrif lill-Pulizija li huwa kien kellu x'jaqsam mat-tfassil tas-serqa flimkien ma' żewġ persuni oħrajn[12] u ta stqarrija[13]. Il-Pulizija sejħu wkoll lill-imħarrek Victor Calleja u lil ibnu l-imħarrek Jason Calleja, liema persuni l-imħarrek Paċe kien semma fl-istqarrija tiegħu lilhom. L-imħarrkin Calleja għażlu li ma jweġbux għall-mistoqsijiet li għamlulhom il-Pulizija u lanqas iffirmaw l-istqarrija[14]. Fiż-żmien li saret is-serqa, l-imħarrkin Paċe u Victor Calleja kienu joqogħdu lkoll il-Ħamrun (l-inħawi tar-Rabbat), ftit 'il bogħod minn xulxin[15]. L-imħarrek Jason Calleja kien jgħix il-Marsa[16]. Mill-istħarriġ li sar mill-Pulizija dwar l-imħarrkin Calleja, qatt ma ħareġ xejn u baqgħu qatt ma saru akkużi kontra tagħhom u lanqas ittieħdu proċeduri fil-Qorti b'rabta mal-każ[17];

Illi jumejn wara l-ġrajja, l-imħarrek Paċe tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, mixli b'kompliċita' fl-imsemmija serqa, b'ħalf falz, u talli b'qerq ħeba t-twettiq ta' reat billi għamel dikjarazzjonijiet li 'l quddiem setgħu jimplikaw lil ħaddieħor fl-imsemmija serqa[18];

Illi din il-kawża nfetħet f'Jannar tal-1999. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' April, 2003[19], wara ammissjoni min-naħa tiegħu u għar-raġunijiet fiha msemmija, l-imħarrek instab ħati tal-akkużi mressqin kontrih u kien ikkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin u qegħditu taħt il-ħarsien ta' *Probation Officer* minbarra li interdiċietu

[11] Xhieda tal-Ispettur Noel Cutajar 29.10.2001, f'paġġ. 68 – 9 tal-proċess
[12] Xhieda ta' Ass. Kumm. Emanuel Cassar 9.2.2006, f'paġġ. 151 – 2 tal-proċess
[13] Dok "GS2", f'paġġ. 31 – 5 tal-proċess
[14] Dokti "AZ2" u "AZ3", f'paġġ. 43 – 7 tal-proċess
[15] Xhieda ta' l-imħarrek Victor Calleja 28.10.2003, f'paġ. 109 tal-proċess
[16] Xhieda tiegħu 12.4.2005, f'paġ. 130 tal-proċess
[17] Xhieda tal-Ispettur Noel Cutajar 29.10.2001 u 2.11.2006, f'paġġ. 70 u 191 – 4 tal-proċess
[18] Dok "GS1", f'paġġ. 29 – 30 tal-proċess
[19] Dok "AP1", f'paġġ. 84 sa 93 tal-proċess

għal żmien ħames snin. L-imħarrek Paċe ma appellax minn dik is-sentenza;

Illi fis-serqa issemma li kienu ttieħdu wieħed u ħamsin elf sitt mija u tnejn u disgħin lira Maltin u erbgħa u sittin ċenteżmi (Lm 51,692.64)[20] fi flus kontanti[21], u b'kemm jiswew mija u wieħed u sittin elf erba' mija u tmienja u erbgħin lira Maltija u erbgħa u tmenin ċenteżmi (Lm 161,448.84)[22] f'titoli li jissarfu fi flus (*cheques*). Madankollu, minn dan l-aħħar ammont min kien intitolat għalihom seħħlu jżomm milli jissarfu (permezz ta' *stop payments*)[23] b'kemm jiswew mija u erbgħa u tletin elf tmien mija u tnejn u tletin lira u tmienja u sittin ċenteżmi (Lm 134,832.68)[24], u għalhekk il-biċċa l-kbira minnhom ma ssarrfux minn min seraqhom;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-parametri tal-azzjoni delittwali u l-effetti li jitnisslu minnha. Il-każ jieħu xejra partikolari għaliex l-atturi jdaħħlu fil-mira tagħhom aktar minn persuna waħda li jsemmu b'isimhom, u wkoll persuni oħra li kien maħsub li ndaħlu fil-ġrajja iżda li, madankollu, baqgħu qatt ma saru magħrufa u wisq anqas iddaħħlu fil-kawża;

Illi l-Qorti trid tagħti l-ġudizzju tagħha fuq dak li joħroġ mill-atti u fir-rigward biss ta' dawk li huma partijiet fil-kawża, u s-sentenza tagħmel stat biss fil-konfront tagħhom. Ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attriċi titlob żewġ suriet ta' stħarriġ, ladarba ma jidhirx kontestat mill-ebda parti li tassew seħħet is-serqa li dwarha jitkellmu l-atturi. L-ewwel stħarriġ huwa dwar min tassew jaħti għal dik is-serqa. It-tieni stħarriġ huwa dwar x'inhi l-ħsara mġarrba minħabba dik is-serqa mill-atturi, jew min minnhom;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-imsemmija ċirkostanzi, jidhrilha li jkun xieraq li tqis **l-eċċezzjoni ta'**

---

[20] Li jġibu € 120,411.46 fi flus tal-lum
[21] Dok "CDA", f'paġ. 163 tal-proċess
[22] Li jġibu € 376,074.63 fi flus tal-lum
[23] Xhieda ta' Joseph Cuschieri 12.12.2007, f'paġġ. 255 – 6 tal-proċess
[24] Dok "CDB", f'paġ. 164 tal-proċess

**natura preliminari** mqanqla minn kull wieħed mill-imħarrkin Calleja. B'din l-eċċezzjoni, huma jgħidu li ċ-Ċitazzjoni ma tiswiex għaliex ir-rappreżentanza tas-soċjetajiet assikuratriċi atturi tmur kontra l-prinċipju legali ta' "*delegatus non potest delegare*". Dwar din l-eċċezzjoni, ressqu sottomissjonijiet l-imħarrkin kollha. L-atturi ma ressqu l-ebda sottomissjoni fir-rigward;

Illi jidher li l-imħarrkin isejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq dak li jiddisponi l-artikolu 787(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(a) tal-istess Kodiċi. Dan jagħmluh billi jgħidu li, minkejja li l-attur Avukat Tonio Azzopardi iddikjara li kien qed iressaq l-azzjoni f'isem żewġ kumpanniji assikuratriċi barranin, naqas li jressaq prova tajba dwar il-mandat li jgħid li kellu mogħti mingħandhom. Minbarra dan, billi waħda mill-kumpanniji attriċi barranin kienet qiegħda tidher f'isem kumpannija barranija oħra, l-imsemmija kumpannija mandatarja ma setgħetx taħtar mandatarju tagħha bla ma hija nnifisha tkun ingħatat dik is-setgħa minn min qabbadha[25];

Illi huwa minnu li minkejja li, waqt is-smigħ tat-28 ta' Ottubru, 1999[26], l-attur Avukat Azzopardi *nomine* wiegħed li se' jressaq il-prokuri li huwa jgħid li ngħata mill-kumpanniji attriċi kostitwenti tiegħu, dan baqa' ma għamlu qatt tul smigħ il-kawża. Il-Qorti hija tal-fehma li prova ta' din is-sura kienet meħtieġa, ukoll kieku ma tressqitx l-eċċezzjoni preliminari espressament, iżda aktar u aktar ladarba tressqet l-eċċezzjoni msemmija. Iżda prova ta' ħatra ta' prokuratur m'hux tabilfors trid tingħata fis-sura ta' prova b'dokument. Wieħed jista' jqis li l-istess Avukat xehed bil-ġurament[27] li kien ingħata dak il-mandat u li dik ix-xhieda tiegħu, bħala prova tal-ħatra, ma kenitx kontradetta. Huwa magħruf li, bil-liġi, mandat jista' jingħata b'kull mod, imqar jekk bil-fomm jew taċitament[28], u ma hemmx bżonn li jingħata fis-sura miktuba, sakemm ma jkunx għal raġuni speċifika msemmija fil-liġi[29];

[25] Art. 1876 tal-Kap 16
[26] Paġ. 14 tal-proċess
[27] Xhieda tiegħu 30.10.2000, f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[28] Art. 1857(2) tal-Kap 16
[29] Art. 1857(3) tal-Kap 16

Illi l-Qorti qiegħda tqis li x-xhieda tal-Avukat Azzopardi f'dan ir-rigward hija xhieda li wieħed jista' joqgħod fuqha u prova tajba ta' dak li tgħid. Minbarra dan, l-ebda wieħed mill-imħarrkin ma meriha jew baqa' jisħaq li trid titressaq prova bil-miktub dwarha. Fuq kollox, minħabba li l-kwestjoni tas-siwi u n-nullita' ta' atti ġudizzjarji hija waħda li ma tħallix li ssir spekulazzjoni biex twaqqa' att bħal dak, il-prova li ċ-ċirkostanza tan-nullita' tal-att trid tkun waħda tajba u, fid-dubju, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' att ġudizzjarju m'għandhiex tintlaqa' jekk mhux għal raġuni serja[30];

Illi, madankollu, x-xhieda ta' l-Avukat Azzopardi ma tkoprix l-eċċezzjoni preliminari kollha. Huwa xehed li ngħata delega mill-kumpannija barranija attriċi Douglas Jackson & Co (Adjusters) Limited. Sa hemm, jista' jgħodd dak li ngħad qabel. Iżda f'din il-kawża, dik il-kumpannija qiegħda tidher f'isem u in rappreżentanza ta' kumpannija assikuratriċi oħra barranija, jiġifieri Royal International Insurance Holdings Limited. Hawnhekk jidħol fis-seħħ il-prinċipju li l-maħtur ma jistax minn rajħ jiddelega l-ħatra. Dan huwa sewwasew dak li fuqu tinbena l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-imħarrkin Calleja, u dan fir-rigward tal-kumpaniji assikuratriċi attriċi. Dwar dan, ix-xhieda mogħtija mill-Avukat Azzopardi ma tkoprix u, fin-nuqqas ta' xi prova oħra tajba, l-Qorti ssib li tonqos fl-imsemmi attur *nomine* il-leġittimazzjoni attiva li jidher għal dawk il-kumpanniji[31]. Għalhekk, safejn l-avukat Azzopardi qiegħed jidher għall-kumpanniji assikuratriċi barranin, l-eċċezzjoni hija tajba u l-Qorti sejra tilqagħha (billi teħles lill-imħarrkin kollha, magħdud l-imħarrek Paċe, mill-ħarsien tal-ġudizzju), iżda tiċħadha fir-rigward tal-kumpannija barranija l-oħra (jiġifieri, Group 4 Securitas (International) B.V.) li l-attur *nomine* xehed li ngħata s-setgħa jirrappreżenta u fir-rigward tal-kumpannija attriċi G4M, li f'din il-kawża tidher f'isimha u mhux kif rappreżentata mill-imsemmi Avukat Azzopardi;

---

[30] App. Inf. **21.3.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina utrinque*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.229**)
[31] Ara Kumm. CS **3.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Edward Woods noe et vs Godwin Abela noe et*** (mhix pubblikata)

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **il-kwestjoni tar-responsabbilta' għas-serqa** li ġrat. Ma hemm l-ebda dubju li l-imħarrek Paċe kellu sehem f'dik il-ġrajja. Huwa nnifsu jgħid li ma kien qiegħed bl-ebda mod jikkontesta sehemu u r-responsabbilta' tiegħu f'dak li seħħ. Minbarra dan, fil-każ li tmexxa kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, huwa kien stqarr l-akkużi kollha li tressqu kontrih dwar dan il-każ. Il-kwestjoni li nqalgħet hija dwar jekk l-imħarrkin l-oħrajn, Victor Calleja u ibnu Jason, imisshomx jitqiesu wkoll responsabbli miegħu ta' dak li ġara;

Illi ma hemm l-ebda dubju li s-serqa saret bis-sehem ta' persuni oħrajn minbarra s-sehem tal-imħarrek Paċe. Paċe kien ix-xufier tal-vann tal-kumpannija G4M u miegħu kellu impjegat ieħor tal-istess kumpannija. Dan (li jidher li ismu kien Kenneth Poulson[32]) qatt ma tressaq b'xhud f'din il-kawża. Iżda ħadd ma allega li dak is-sieħeb kien b'xi mod imdaħħal fil-biċċa. Madankollu, minn kif saret is-serqa – ukoll jekk bl-għarfien u s-sehem tal-imħarrek Paċe – tabilfors indaħlu nies oħrajn. Dak li seħħ ma setax ikun ix-xogħol ta' bniedem waħdu. Kemm hu hekk, x'ħin seħħet is-serqa, il-ħallelin telqu b'kulma sabu u ħallew lil Paċe qrib il-vann. Paċe ma ħa xejn minn fuq il-post u xehed li baqa' qatt ma ħa xi sehem mill-flus misruqa. Paċe ħallas ukoll għal sehemu minħabba li għadda proċess kriminali li, fi tmiemu, ingħata piena. Kif wieħed sata' jistenna, hu tilef ukoll l-impieg tiegħu minn ma' G4M;

Illi, kif ingħad, l-atturi jisħqu li, minbarra l-imħarrek Paċe, kienu mdaħħlin fil-biċċa wkoll iż-żewġ imħarrkin l-oħra. Minbarra dawn, l-atturi jsemmu xi kompliċi oħrajn li, madankollu, baqgħu qatt ma ingħataw identita' u wisq anqas iddaħħlu fil-kawża. L-atturi jgħidu li, mix-xhieda tal-imħarrek Paċe nnifsu, hemm prova biżżejjed li l-imħarrkin l-oħrajn Calleja kellhom x'jaqsmu wkoll u li x'aktarx kienu dawk li ikko-ordinaw is-serqa kollha. L-atturi ma warrbux il-possibilita' li, minbarra dawk l-imħarrkin, sata' kien hemm imdaħħla nies oħrajn ukoll. L-atturi joqogħdu ħafna

32 Ara Dok "AP1", f'paġ. 86 tal-proċess

fuq it-tagħrif mogħti mill-imħarrek Paċe fl-istqarrija li huwa ta lil-Pulizija u fuq ix-xhieda tiegħu fil-kawża;

Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-għamil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-għamil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabbilta' għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-resposabbilta' li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert[33];

Illi l-atturi jressqu l-argument li f'każ bħal dak tagħhom, il-prova tas-sehem tal-imħarrkin Calleja trid issir sal-grad mistenni tal-bilanċ tal-probabbiltajiet u mhux fil-grad ta' ċertezza lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti taqbel għal kollox. Iżda mbagħad l-atturi joħorġu bis-sottomissjoni li, ladarba jkunu wrew imqar mad-daqqa t'għajn li l-imħarrkin Calleja kellhom x'jaqsmu mal-każ, dan ikun biżżejjed bħala prova u jsir "*shifting of the burden of proof*" biex l-imsemmija mħarrkin jippruvaw li ma kellhomx x'jaqsmu mal-każ. Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti ma taqbilx (l-argumenti tal-atturi kontra l-argumenti tal-imħarrkin)

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa iridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[34]. Il-fatt li xiħadd kellu episodji oħrajn fl-imgħoddi jew li jkun jiffrekwenta ambjenti ministerjali ma jsarrfux, waħedhom, bħala provi tajba biex torbot bniedem ma' allegazzjoni ta'

---

[33] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix pubblikata)
[34] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)

sehem f'serqa jew biex tagħti raġuni għaliex il-Pulizija ma tkunx mexxiet sewwa l-istħarriġ biex twassal lil dik il-persuna għall-proċess ġudizzjarju;

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[35]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[36] ;

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[37] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[38]. Fil-każ ta' azzjoni għal ħtija extra-kuntrattwali jew akwiljana, l-parti attriċi trid tipprova kemm il-fatt (l-għamil jew l-omissjoni) li bih tixli lill-parti mħarrka u kif ukoll li kien sewwasew dak il-fatt li ikkawża l-ħsara mġarrba;

Illi l-atturi jisħqu li ressqu provi tajbin biżżejjed biex jorbtu lill-imħarrkin Calleja mal-ġrajja tas-serqa. Dan jarawh fix-xhieda mogħtija mill-imħarrek Paċe u mit-tagħrif fattwali li huwa jagħti dwar iċ-ċirkostanzi u l-ġrajjiet li seħħew sa minn qabel l-imsemmija serqa. Jgħidu li dik ix-xhieda ta' Paċe "trid tittieħed bis-serjeta'" għaliex huwa qatt ma ċċaqlaq mill-verżjoni li ta tul iż-żmien, minkejja xi diskrepanzi li joħorġu f'xi aspetti tar-rakkont tiegħu, imma li "huma r-riżultat tat-trapass tas-snin"[39]. L-atturi jqisu li x-xhieda u l-verżjoni mogħtija mill-imħarrek Paċe hija "testimonjanza diretta" mogħtija minn kompliċi jew ko-awtur tal-imħarrkin Calleja. Minbarra dan, jgħidu li l-

[35] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[36] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[37] Art. 562 tal-Kap 12
[38] Art. 559 tal-Kap 12
[39] Paġ. 339 tal-proċess

imsemmi mħarrek għażel li jgħid is-sewwa minkejja li dan seta’ kien kontra l-interess tiegħu, b’periklu għal ħajtu u meta kien ikun aktar komdu għalih li ma jżeffinx nies oħra fin-nofs. Ma’ dan kollu, huma jorbtu ċ-ċirkostanzi li l-imħarrek Paċe u l-imħarrek Victor Calleja jgħixu ħdejn xulxin u li billi r-relazzjoni tagħhom kienet waħda ta’ “saħħa u bonġu”, turi aktar biċ-ċar li t-tagħrif preċiż li ta l-imħarrek Paċe kien jixhed is-sewwa ta’ dak li kien qed jgħid u fil-qafas tal-ġrajjiet speċifiċi marbutin mal-ġrajja tas-serqa li kienet qiegħda titfassal u li, fil-fatt, twettqet kif imfassal. Fl-aħħarnett, isemmu l-laqgħat li saru qabel is-serqa, magħduda dik fil-ġid (remissa) tal-imħarrek Victor Calleja, bis-sehem tal-istess Calleja u ibnu Jason, u l-korroborazzjoni dwar il-vetturi li l-imsemmija mħarrkin Calleja nqdew bihom f’dawk il-jiem;

Illi min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Calleja jiċħdu dan kollu u jgħidu li l-imħarrek Paċe daħħalhom fil-każ biex “ma jegħriqx waħdu” u b’hekk itaffi r-responsabbilta’ tiegħu f’dak li ġara billi juri li huwa kien il-vittma ta’ mħuħ li wassluh biex jagħmel dak li ma jridx. Jinqdew bil-fatt li Paċe kien joqgħod qrib bħala spjegazzjoni għal uħud mid-dettalji li ta lill-Pulizija, liema dettalji seta’ jsemmihom kull min kien joqgħod f’dawk l-inħawi, wkoll kieku ma kienx involut fil-każ. Minbarra dan, jixluh b’xhieda li wieħed ma jistax joqgħod fuqha u dan mhux biss dwar x’ġara tassew qabel u waqt il-każ, imma wkoll dwar dettalji essenzjali li jwaqqgħu l-verżjoni tiegħu jew li b’xi mod ma tingħatax tifsira loġika għaliha[40];

Illi wara li l-Qorti qrat sewwa l-atti proċesswali u qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tasal għall-fehma li l-każ tal-atturi kontra l-imħarrkin Calleja ma jidhirx li twettaq fil-grad mistenni mil-liġi. Ukoll kieku wieħed kellu jwarrab fil-ġenb l-atteġġament tal-imsemmija mħarrkin Calleja f’din il-kawża (jiġifieri dik li, sagramentalment, jiċħdu kull sehem fil-ġrajja), xorta waħda joħorġu elementi serji u tajbin biżżejjed biex bihom il-Qorti ttenni din il-fehma tagħha. L-ewwel raġuni li ssemmi l-Qorti hija l-fatt li l-imħarrek Paċe nqabad jigdeb mill-ewwel hekk kif seħħet is-serqa, tant li l-

[40] Ara paġġ. 352 – 3 u 359 – 362 tal-proċess

verżjoni li ta nisslet suspett minnufih u minħabba f'hekk inżamm arrestat mill-Pulizija. Kien wara dan li deherlu li kellu jagħti verżjoni mod ieħor. Fit-tieni lok, l-imsemmi Paċe kien akkużat li xehed jew ta tagħrif falz, u din l-akkuża huwa ammettiha. Il-verżjoni waħdanija li fuqha nstab ħati taħt din l-akkuża hija dik li l-atturi tant jibbażaw fuqha l-każ tagħhom. Il-liġi tagħti lill-imħarrkin, f'każ bħal dan, arma li twaqqa' jew iddgħajjef tassew il-verżjoni tal-imħarrek Paċe[41]. Fit-tielet lok, jirriżulta li l-istħarriġ li wettqu l-Pulizija mit-tagħrif li tahom l-imħarrek Paċe, ma wassal biex kixef l-ebda sehem jew involviment tal-imħarrkin Calleja fil-każ[42]. Fir-raba' lok, il-fatt innifsu li l-atturi jirrilevaw u jippremettu li, minbarra l-imħarrkin Paċe u Calleja, kien hemm imdaħħla persuni oħra, jxellef sewwa ċ-ċertezza jew il-probabilita' tal-pretensjonijiet tagħhom. Dan jingħad billi, fil-fatt, għal dik is-serqa l-atturi ma jeskludux li kienu dawn it-talin mhux magħrufa li kienu tassew kompliċi mal-imħarrek Paċe u mhux l-imħarrkin Calleja;

Illi għalhekk minn dawn il-kostatazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li mill-provi kollha mressqa u li setgħet tassew toqgħod fuqhom, l-atturi seħħilhom juru li huwa l-imħarrek Paċe (flimkien ma' oħrajn mhux magħrufa) li huwa responsabbli għall-ħsara li huma setgħu ġarrbu minħabba s-serqa mertu tal-każ, iżda ma seħħilhomx juru bi provi tajba li l-imħarrkin Victor Calleja u ibnu Jason kienu mdaħħla f'dik il-ġrajja;

Illi l-**kwestjoni tad-danni mġarrba** f'dan il-każ m'hijiex daqshekk ċara. Dan jingħad kemm għaliex l-ammont innifsu li nsteraq nissel bosta dubji, kif jidher sewwa mis-sottomissjonijiet tal-imħarrkin, u wkoll għaliex jeħtieġ ikun determinat min tassew ġarrab tali danni. Dan jieħu xejra mhux traskurabbli b'riżultat tal-mod kif f'din is-sentenza din il-Qorti ittrattat u iddeċidiet l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi dwar il-kwestjoni tal-provi mressqa, il-kumpanniji attriċi ressqu żewġ xhud u żewġ dokumenti. Fin-Nota ta'

[41] Art. 585 tal-Kap 12
[42] Xhieda Spett Noel Cutajar 29.10.2001, f'paġġ. 68 sa 71 tal-proċess

Sottomissjonijiet tagħhom, illimitaw irwieħhom biex jgħidu "*Rigward il-likwidazzjoni tad-danni, l-esponenti jagħmlu riferenza għall-provi kollha l-oħra li nġabu minnhom*"[43]. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin kollha jqanqlu dubji dwar il-kwantum u, fuq kollox, dwar min bata dawk id-danni. Iġibu argumenti tajbin dwar dawn iż-żewġ ċirkostanzi;

Illi joħroġ ċar mill-provi mressqa mill-atturi, li d-danni pretiżi jikkonsistu fis-somma (kontanti jew titoli li jissarfu fi flus) misruqa u li baqgħet ma nstabet qatt. L-atturi ma ressqu l-ebda prova ta' xi dannu mġarrab minnhom. Ma hemm l-ebda dubju li l-ebda parti mis-somma misruqa ma kienet ġid jew effetti tal-atturi, għaliex is-serqa saret dwar assi li G4M kienet ġabret mingħand il-klijenti tagħha biex tiddepożitahomlhom f'bank. Għalhekk, il-pretensjoni tal-atturi fit-tieni u fit-tielet talbiet attriċi trid tkun mistħarrġa fil-qafas ta' xi kumpens li l-kumpanniji attriċi, jew min minnhom, setgħu ħallsu lill-klijenti tagħhom minħabba s-serqa;

Illi l-provi mressqa mill-atturi juru li nħareġ dokument ftit jiem wara s-serqa, li bih ingħata tagħrif dwar kemm kienet is-somma misruqa u kif kienet imqassma[44]. Dak it-tagħrif, inbena minn tagħrif li nġabar minn dokumenti li ngħataw lil G4M minn klijenti li dak inhar tas-serqa G4M kienet ġabret il-flus u ċekkijiet mingħandhom. Ma jirriżultax min, sewwasew, kienet il-persuna li fasslet l-imsemmi dokument għaliex ix-xhud li ressqu qal ċar u tond li ma kienx hu li għamlu u lanqas jaf min kien fasslu u lanqas jekk l-ammonti msemmijin fih humiex korretti[45]. Il-Qorti innotat li lanqas it-total fl-aħħar kolonna tal-imsemmi dokument ma huwa magħdud tajjeb. Dwar id-dokument l-ieħor[46] – li l-awtur tiegħu wkoll baqa' ma ġiex identifikat – ħareġ li dan inbena fuq tagħrif li l-klijenti ta' G4M bagħtu lill-atturi, iżda mbagħad ma tfissirx kif, ladarba nħareġ l-avviż biex jitwaqqaf it-tisrif taċ-*cheques* misruqin, fil-każ ta' klijent partikolari (Industrial Motors Limited) kważi l-ammont kollu ta' *cheques* misruqa ma kienx rikoverat, għall-kuntrarju tal-każ fir-rigward tal-klijenti l-oħrajn. Dan

[43] Paġ. 342 tal-proċess
[44] Dok "CDA" f'paġ. 163 tal-proċess
[45] Xhieda ta' Charles Dimech 12.12.2007, f'paġġ. 224 – 6 tal-proċess
[46] Dok "CDB", f'paġ. 164 tqal-proċess

il-fatt, flimkien ma' oħrajn, iħasseb lill-Qorti dwar x'sura ta' kontroll għamlu (jew setgħu jagħmlu) l-atturi biex jaslu jkunu jafu tassew kemm kien l-ammont misruq, u x'għamla ta' kontroll kienu jesiġu l-kumpanniji assikuratriċi biex jaslu ħalli jikkumpensaw għat-telf imġarrab;

Illi, b'żieda ma' dan, mix-xhieda ta' persuna oħra (uffiċjal fi ħdan G4M innifisha fi żmien is-serqa) imressaq mill-atturi ħareġ li G4M kienet tidħol responsabbli għall-flus li jinsterqu mill-vannijiet tagħha, imbasta ma jinqabiżx il-*pavement limit* jew il-*van limit* mill-klijenta ta' G4M, f'liema każ ir-riskju jintrefa' mill-klijent innifsu[47]. Iżda dak ix-xhud ma għarafx jgħid kemm kienu dawn il-limiti u dan iħalli lill-Qorti bla prova tajba biex tista' tasal għal-likwidazzjoni tal-ammont li l-atturi jippretendu skond it-talbiet tagħhom;

Illi l-istess jingħad dwar min, effettivament, ikkumpensa lill-klijenti li d-depożiti tagħhom kienu nsterqu. Il-provi tal-atturi f'dan ir-rigward huma għal kollox dgħajfin u mħawdin. Fl-ewwel lok, filwaqt li x-xhud Dimech qal li kienet G4M li ikkumpensat lill-klijenti[48], ix-xhud Cuschieri qal li r-risarċiment sar mill-assikuraturi ta' G4M[49]. Fit-tieni lok, ma tressqet l-ebda ħjiel ta' prova ta' riċevuta li turi mqar ħlas wieħed minn dawn li suppost sar, la jekk dak il-ħlas sar minn G4M innifisha u lanqas jekk sar minn xi ħadd mill-assikuraturi tagħha. Fit-tielet lok, ma ntweriex bl-ebda mod kemm effettivament kien l-ammont imħallas lill-klijenti ta' G4M. Din kienet l-anqas prova li l-atturi jmisshom ġabu biex isejsu t-talbiet tagħhom;

Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-għamla ta' kawża li l-atturi għażlu li jiftħu kontra l-imħarrkin titlob li tinġab prova tajba tad-dannu mġarrab mill-istess atturi. Mhuwiex biżżejjed li jintwera li seħħet is-serqa: irid jintwera li, sewwasew minħabba dik is-serqa, l-atturi (jew min minnhom) effettivament ġarrbu ħsara u tinġieb il-prova tajba ta' x'kienet dik il-ħsara. Il-prova ta' dik il-ħsara tibqa' fuq min jallegaha, u f'każ li l-attur jonqos li jipprovaha kif jixraq, l-azzjoni jkollha tfalli taħt ir-regola li *actore non*

---

[47] Xhieda ta' Joseph Cuschieri 12.12.2007, f'paġġ. 264 – 8 tal-proċess
[48] Xhieda tiegħu 12.12.2007, f'paġ. 239 tal-proċess
[49] Paġ. 269 tal-proċess

*probante reus absolvit*. Ma jaqax fuq il-parti mħarrka l-piż li xxejjen l-allegazzjoni tal-ħsara mġarrba, għaliex il-parti mġarrba ma tistax toqgħod fuq allegazzjoni. Huwa minnu, kif issottomettew l-atturi f'dan il-każ, li t-tressiq tal-provi f'dan il-każ seta' kien imfixkel jew magħmul aktar iebes minħabba ċ-ċirkostanzi ta' kif seħħet is-serqa u kif tmexxew l-investigazzjonijiet wara li ġara l-każ. Madankollu, dan ma kienx iżomm lill-atturi milli jfittxu b'suċċess għejjun ta' prova attendibbli li kienu jwasslu lill-Qorti toqgħod fuqhom biex tasal għall-fehma tagħha. Minflok, l-atturi ippretendew li b'dokumentazzjoni "sekondarja" u provi orali li jixhdu inċertezza, din il-Qorti kienet sejra toqgħod fuq dawk il-provi b'għajnejha magħluqa. Ukoll kieku kellu wieħed iqis l-oġġezzjonijiet u l-osservazzjonijiet validi mressqa mill-imħarrkin kollha dwar il-provi attriċi dwar il-ħsara allegatament imġarrba, l-atturi kien messhom fehmu li l-provi tagħhom ma kinux jgħaddu mill-għarbiel tal-grad meħtieġ mistenni minnhom fil-liġi;

Illi, mbagħad, jekk kellu jirriżulta li l-ħsara li ġarrbu l-klijenti ta' G4M għamlet tajjeb għalihom xi waħda mill-kumpanniji assikuratriċi tal-istess G4M, anqas u anqas jistgħu jintlaqgħu dawn iż-żewġ talbiet attriċi, fid-dawl ta' dak li ngħad dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin Calleja;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tieni u tielet talbiet attriċi billi ma tressqux provi tajbin biżżejjed biex il-Qorti tista' tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni preliminari** ta' kull wieħed mill-imħarrkin Victor u Jason Calleja, u dan billi ssib li l-attur Avukat Tonio Azzopardi *nomine* ma kienx awtorizzat kif jixraq biex joqgħod f'din il-kawża f'isem Douglas Jackson & Company (Adjustors) Limited u Royal International Insurance Holdings Limited, u b'hekk teħles lill-imħarrkin kollha mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar il-

pretensjonijiet tal-imsemmijin żewġ kumpanniji attriċi, bi spejjeż kontra l-imsemmi attur *nomine*;

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba attriċi** billi ssib lill-imħarrek Michael Angelo Paċe responsabbli, flimkien ma' oħrajn li baqgħu mhux magħrufa, għas-serqa li ġrat fit-22 ta' Diċembru, 1998, f'Albert Town, fil-limiti tal-Marsa;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** safejn titlob li l-imħarrkin Victor Calleja u ibnu Jason jitqiesu wkoll responsabbli għall-imsemmija serqa, billi dan ma jirriżultax fil-grad mitlub mil-liġi mill-provi mressqa;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi,** billi l-atturi naqsu li jippruvaw kif jixraq x'kienu tassew id-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba l-imsemmija serqa; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk marbutin mal-ewwel talba attriċi, li jitħallsu mill-imħarrek Michael Angelo Paċe iżda biss safejn dik it-talba ntlaqgħet kontrih.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------